MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 749/2003

**Galea Insurance Brokers Ltd**

**vs**

**MD Trucking**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm839.48), hlas ta' premia ghall-hrug ta' poloz ta' assikurazzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha x-xhieda mressqa mis-socjeta attrici u ra d-dokumenti pprezentati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u disgha u tletin lira Maltija u tmienja u erbghin centezmu (Lm839.48).

L-ispejjez kollha huma ghak-karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------